C/2026/5122

1.10.2026

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12591 – OCS/Mitie)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/5122)

1. Fit-22 ta' Settembru 2026, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— OCS Group International Limited ("OCS", ir-Renju Unit), ikkontrollata minn Clayton, Dubilier & Rice, LLC (l-Istati Uniti),

— Mitie Group plc ("Flybe", ir-Renju Unit).

OCS se takkwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll eskużiv tat-totalità ta' Mitie.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' offerta pubblika mħabbra fil-21 ta' Lulju 2026.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— OCS hija negozju internazzjonali ta' ġestjoni tal-faċilitajiet attiv fir-Renju Unit, fl-Irlanda, u fir-reġjuni tal-Asja u l-Paċifiku u tal-Lvant Nofsani.

— Mitie hija negozju internazzjonali tal-ġestjoni tal-faċilitajiet attiv fir-Renju Unit u fl-Ewropa.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi [2], għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12591 – OCS / MITIE

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.